MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 593/2002/1

**Salvatore Psaila**

***Versus***

**Gad Alla Rezk Khalel u Maria Bernarda Zarb**

F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob illi l-qorti tikkundanna lill-konvenuti jroddulu s-somma ta' sitt elef u tmien mitt lira (Lm6,800) li kien silifhom. Qiegħed jitlob ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta' ittra uffiċjali tat-28 ta' Settembru 2001 u ta' mandat ta' qbid numru 3068/2001, u l-imgħax minn dakinhar tas-self sa meta jsir il-ħlas.
L-attur kien talab ukoll illi l-kawża tinqata' bil-proċedura sommarja speċjali, iżda l-qorti b'dikriet tas-7 t'Ottubru 2002 ordnat illi l-kawża timxi bil-proċedura normali, u l-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni ta' ħlas.
Il-konvenuti ma humiex qegħdin jikkontestaw illi sar is-self, u għalhekk l-oneru qiegħed fuqhom biex jagħmlu prova tal-ħlas.

Billi l-konvenuti b'ebda mod ma għamlu din il-prova, l-eċċezzjoni tagħhom ma tistax tintlaqa'.
Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjoni ta' ħlas, tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur is-somma ta' sitt elef u tmien mitt lira (Lm6,800) flimkien ma' l-imgħaxijiet u l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------